# *Il-Festa tal-Gandlora*

jew tal-Preżentazzjoni ta' Ġesù fit-Tempju li tiġi ċċelebrata eżatt 40 jum mill-Milied fit-2 ta' Frar din is-sena se taħbat it-Tnejn, u l-quddies ikun bħal fost il-ġimgħa. Fiha jsir ir-rit tat-tberik tax-xemgħa, u tissejjaħ anki l-festa tad-dawl. Għalhekk insejħulha Gandlora, għax ġejja mit-Taljan *Candelora*: isem li joħroġ mill-kelma *candela* li tfisser xemgħa. Kien ix-xwejjaħ Xmuni li quddiem Ġesù, jgħid: "Issa o Sid tista' tħalli lil qaddej tiegħek imur fis-sliem skont kelmtek għaliex għajnejja raw is-salvazzjoni tiegħek, li int ħejjejt għall-popli kollha, dawl biex idawwal lill-ġnus u glorja tal-poplu tiegħek Iżrael" (Luqa 2,29-32).



Jalla aħna wkoll nagħrfu li Ġesù hu d-dawl veru tagħna, li jdawwal u jmexxi l-passi tagħna ta' kuljum. Dan jiġri meta nħallu l-Kelma tiegħu ddawwal l-għażliet tagħna, jew aħjar, meta nħalluh jgħallimna nagħżlu. Ejjew nitolbu biex il-Mulej tassew idawwalna u qabel kull azzjoni jew kelma li ngħidu, ikollna ċans nistaqsu jekk hix skont ir-Rieda tiegħu jew le, u mbagħad ikollna l-kuraġġ nagħżlu dak li jrid Hu.

**Il-festa f'San Blas** li kellha ssir illum il-Ħadd 1 ta' Frar, ġiet imħassra minħabba l-instabbilità tat-temp, bit-tama li ssir iktar 'il quddiem: possibbilment fit-22 ta' Frar, b'marċ fl-10.30am, u quddiesa fil-beraħ fil-11.00am.

Il-ġabra li ssir waqt il-quddies tal-Ħadd matul dan l-aħħar weekend tax-xahar ta' Jannar, se tkun destinata għall-**manutenzjoni tal-knisja**. Inħeġġukom tkunu ġenerużi, biex insostnu l-ħtieġa kontinwa ta' riparazzjoni u tindif tal-knisja tagħna. Wara li saru xi tiswijiet fil-katusi tal-ilma tax-xita, se nibdew tħejjijiet biex fis-sajf li ġej isir il-membrane tal-bejt kollu li tant ilu mitlub li jsir. Dwar dan ser nagħtukom aktar tagħrif 'il quddiem.

## Avviżi:

**Laqgħa tal-Grupp tal-Istilel tal-Qalb ta' Ġesù** nhar it-Tnejn 2 ta' Frar fil-knisja tas-Sorijiet Franġiskani: Rużarju fl-4.00pm u wara Quddiesa ċċelebrata minn Dun Salv Grima. Ejjew u ġibu oħrajn magħkom. Kulħadd hu mistieden.

**Attività mill-Għaqda Dun Franġisk Grima:** Nhar il-Ħamis 4 ta' Frar, fid-9.30am, fis-Sala Parrokkjali, ser tiġi organizzata sessjoni ta' eżerċizzi fiżiċi minn fiżjoterapista. Dawn l-eżerċizzi jkunu jistgħu jitkomplew fid-dar tagħna stess. Min hu interessat li jattendi jista' jċempel lil Tonina fuq 21553041 jew 79923153 jew lil Ġuża fuq 21552326 jew 99228906.

**Is-Siegħa tal-Ħniena Divina**, nhar il-Ġimgħa 6 ta' Frar, li jaħbat l-ewwel Ġimgħa tax-xahar, dritt wara l-quddiesa tal-5.00pm. Kulħadd mistieden.

**Meta jonqos xi ħadd mill-koppja: sens ta' telfa, sens ta' ħtija u rabja! Laqgħa għar-romol**, irġiel u nisa, nhar il-Ġimgħa 6 ta' Frar, fis-6.00pm, fis-sala tal-iskola medika ta' Barts, ir-Rabat. Il-laqgħa se tkun immexxija minn Dr Nicholas Briffa (psikologu), Dr Maria G. Debono (terapista tal-familja) u Dr Anton Grech (psikjatra). Min jixtieq imur bit-trasport provdut mill-parroċċa jċempel lil Antoinette Tabone fuq 79094405.

**Attività b'risq il-missjoni ta' Fr Raymond**: nhar is-Sibt 7 ta' Frar, fis-6.00pm, se ssir quddiesa fis-Sala Parrokkjali minn Fr Raymond stess u wara se jkun hemm tombla b'risq il-missjoni tiegħu fil-Perù.

**Siegħa Adorazzjoni** organizzata mil-Leġjun ta' Marija, nhar is-Sibt 7 ta' Frar, fil-knisja tal-Qalb ta' Ġesù, fit-8.00am, b'riparazzjoni lill-Qalb bla Tebgħa ta' Marija u għall-konverżjoni tal-midinbin. Kulħadd mistieden.

## Il-Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5.30am; 6.30am; 8.30am; 9.45am; 11.00am; 5.00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5.30am; 6.30am; 7.30am; 9.00am; 5.00pm; 6.30pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 7.00am **il-Ħadd:** 6.15am; 10.15am (bl-Ingliż)

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am